**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**S**eduta Distrett Mosta

**Illum: 21 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Joseph Camilleri** ta' 66 sena iben Emanuel u Giorgia Camilleri nee Farrugia imwieled il-Belt nhar l-20-06-1956 u resident gewwa 194, Sunny Hills, Flat 8, Triq Patri Guze Delia, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 412756M

Talli inti akkuzat li f' dawn il-gzejjer u cioe nhar it-8 ta' Ottubru 2022 ghall-habta tal-17:00hrs gewwa l-fond bin-numru 196, Flat 1, Triq Patri Guze Delia, Mosta:

1. Hebbejt ghal Christina Camilleri u kkagunajtilha offiza ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. E. Cherubino M.D. Reg No: 3370 mic-centru tas-sahha tal-Mosta. Art 221 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi bi hsara tas-sid jew detentur, ghamilt vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' haddiehor, mhux proprjeta ta' haddiehor mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artiklu u lanqas band' ohra f' dan il-kodici. Art 340(d) ta# Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Christina Camilleri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, turbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht il-penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tad-19 ta' April 2024[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Folio 102 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni minn naha tal-kwerelanta Christina Camilleri li hija giet aggredita mill-imputat fil-fond fejn kienet qed tirrisjedi, ossija 194, Sunny Hills, Flat 1, fi Triq Patri Guze Delia, Mosta. Il-kwerelanta kienet il-kerrejja tal-fond mentri l-imputat huwa sid il-fond. Jidher li l-argument inqala' fuq blind u meta l-kwerelanta irrifjutat li tohrog ghax l-imputat xtaq ikellimha hu dahal gol-fond bic-cavetta tieghu u hebb ghaliha fejn ikkawzala xi griehi hfief.

L-imputat dejjem cahad dan ghalkemm jammetta li dahal fil-fond minghajr il-kunses tal-kwerelanta.

**Provi**

Xehed **PS 826 Matthew Paris** fejn qal li fit-8 ta' Ottubru 2022 ghall-habta tal-17.10 hrs dahhlet telefonata fl-ghassa tal-Mosta fejn Christina Camilleri li kienet tinstema naqra agitata stqarret li kienet ghada kemm giet aggredita. Huwa u PC 17 Grech irrikorrew fuq il-post fejn fil-prezenza ta' missierha qaltilhom li l-imputat dahal bic-cavetta spare li kellu, imbuttaha, tefa' l-mobile f'wiccha, taha daqqa ta' harta u imbuttaha mal-art. Hu beda ukoll jigdem idu bir-rabja. Jghid li huwa innota li hija kienet agitatata u baghtha l-klinika biex iggib certifikat mediku.

Baghat ghall-imputat l-ghada fejn qallu li l-kwerelanta kienet ghamlitlu hafna hsara fil-fond pero' cahad li qatt aggrediha jew li ikkawzalha xi griehi.

Xehed **PC 17 Johnny Grech** fejn fis-sustanza ikkonferma l-verzjoni tas-surgent 826 Matthew Paris.

Xehdet **Christina Camilleri** nhar l-1 ta' Dicembru 2023 u tghid li l-imputat kien il-landlord taghha. Tghid li fit-8 ta' Ottubru l-imputat beda joffendiha ghax kellha t-tieqa miftuha u hi qaltlu li ha taqtaghlu t-telefonata jekk jibqa' jkellimha hekk. Hija cemplet lil missierha biex imur hdejha. Hu baqa' icemplilha waqt it-telefonata ma' missierha u hija ma irrispondietux. Tghid li beda jghajjat minn quddiem il-bieb biex hija tiftahlu u qaltlu li ma kinitx ser tiftahlu u ma ghandux dritt jidhol hemm. **Tghid li fetha il-fond bic-cavetta tieghu u beda jaghtiha. Dan dam xi ftit minuti li hassithom sieghat. Beda jaghtiha fuq wicca u hija tatu daqqa fuq siequ. It-tifel beda jibki dak il-hin. Il-mobile li kien f'idejha waqa' mal-art.** Qalilha biex jirrangaw in a friendly way. Hija cemplet lill-pulizija wara li kellmet lil missierha. Dawn imbaghad waslu flimkien. Tghid li kien hemm drabi ohra fejn beda jghajjat u joffendiha fuq il-mobile. Tghid li marret il-polyclinic u wara xi granet marret ghand il-psikoterapista.

Tghid li kienu qablu li fit-18 tohrog mill-post u hija fit-8 ta' Ottubru diga' kienet qed tippakkja. Tghid li hu beda jgib ruhu maghha b mod wierd u kienet unblokkjatu u meta regghet nehhietu mill-block sabet il-messagg.

Kontro-ezaminata tghid li ma hassithiex li kellha taghmel rapporti fuq l-imputat qabel. Taqbel li l-akkuzat joqghod fl-istess blokka u fil-penthouse. Taqbel li fl-ahhar gimgha il-kuntatt li kien hemm kien minhabba il-hsarat. Tghid li l-ex taghha kien kisser bieb u mejda u qalet lill-imputat li kien jiddispjaciha li gara dan.

Xehed **Antoine Camilleri** nhar l-1 ta' Dicembru 2023 u qal li jigi missier il-kwerelanta u li l-imputat kien kera appartament lil bintu. **Jghid li bintu cemplitlu li kienet qed tigi imsawwta mill-imputat. Isostni li mar ghandha u hadilha lit-tifel u ippprova jikkalmaha. Jghid li innutalha daqqa fuq wiccha. Wara hadha id-dar ghandu.** Jghid li marru jigbru l-affarijiet personali taghha imma sabu l-lock mibdul. Jghid li anki wara li kellmuh il-pulizija, hu ma riedx jaghtiha l-affarijiet lura. Jghid li l-affarijiet ingabru wara xi xahrejn.

Xehed **Dr. Edward Basile Cherubino** li ezemina lill-kwerelanta nhar it-8 ta' Ottubru 2022 ghall-habta ta' 18.40 hrs fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u li iccertifika l-griehi.[2]

Xehed l-imputat **Joseph Camilleri** nhar id-19 ta' April 2024 u jikkonferma li kien kera l-appartament lill-kwerelanta. Innota diversi hsarat. Jghid li hija kellha imhallas sas-17 ta' Ottubru u qalilha biex tohrog mill-fond minhabba li ma bdietx tiehu hsiebu. Hija qablet. Jikkonferma li fit-8 ta' Ottubru kien avvicinaha biex taghlaq it-tieqa minhabba il-blinds u hija qatghetlu. Jghid li nizel isfel u habbtilha l-bieb. Qaliha biex tohrog barra ghax ried ikellimha. Stenniha pero' ma gietx. Hu fetah il-bieb u sabha isterika[3]. Bdiet tghajjat ghall-ghajjut

[2] Dok. DV 2.
[3] Pagna 6 tax-xhieda.

tal-pulizija. **Jichad li sawwatha jew li laqatilha l-mobile**. Qal li wara it-8 ta' Ottubru hu kien qalilha biex tigbor hwejjigha ghax baqa' maghha li fis-17 ta' Ottubru kellha titlaq. Jghid li hadilha li ma ghadhiex tuza u zraben. Mhux valuables.[4] Jghid li wara li hadilha l-affarijiet ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom.

Waqt li hu gie kontro-ezaminat **baqa' jichad li hu aggredixxa lill-kwerelanta**. Jikkonferma li l-incident kien fuq il-blinds li kienu qed iperpru.[5] Ma jafx kif graw il-griehi.[6]

**Ikkunsidrat:**

In succint din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet fejn bazikament il-kwerelanta tghid li hija giet aggredita filwaqt li l-imputat jghid li dan il-fatt ma sehhx.

Meta wiehed jara l-assjem tal-provi il-Qorti ma ghandiex dubbju li l-verzjoni moghtija mill-kwerelanta li hija sorretta minn dak li stqarr missierha u l-ufficjali tal-pulizija hija dik li ghandha mis-sewwa. Maghdud ma' dan hemm ic-certifikat mediku li inhareg inqas minn siegha wara l-aggressjoni. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda li anki kwazi sentejn wara l-akkadut wera li ghad ghandu certa animosita' fil-konfront tal-kwerelanta.

[4] Fol. 15 tax-xhieda.
[5] Pagna 26 tax-xhieda.
[6] Pagna 29 tax-xhieda.

Minghajr l-ebda dubbju dak li ghamel l-imputat huwa ta' natura serja fih innifsu u dan aktar u aktar meta hu dahal fil-propjeta' li kienet qed tigi okkupata mill-kwerelanta bic-cavetta tieghu. Kienet x'kienet ir-raguni l-imputata qatt ma seta' jagixxi bil-mod kif agixxa specjalment meta l-aggressjoni sehhet ukoll quddiem minuri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti temmen li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta.**

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni kien intqal is-segwenti meta gie diskuss l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 Kodici Kriminali fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Emanuel Vella** deciza fis-6 ta' Jannar 2003 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano:

**'il-hsara ravvizata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 340 mhix semplicement hsara kwantifikabbli fi flus, bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-hsara kagunata bis-serq (Art. 267, 279, 285, u 334(a) Kap. 9), jew tal-hsara konsegwenti ghal reati ta' frodi (Art. 310) jew ghar-reat ta' hsara volontarja fi proprjeta` mobbli jew immobbli (Art. 325). Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-prorpjeta` li tkun saret, is-sid jew id-detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi pregudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l-espessjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – "...to the prejudice of the owner or holder thereof...". Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke is-semplici**

**skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta mwahhla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha jammonta ghall-hsara ravvizata fl-Artikolu 340(d) (Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f'dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni tal-vettura biex titwahhal il-karta).'**[7]

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello) vs Carmelo Galea** (App. 191/2004) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Novembru 2004 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie ipprecizat is-segwenti:

**'Din il-Qorti pero' ma tirravizax l-ezistenza tat-tieni imputazzjoni. Il-kontravvenzjoni hemm indikata u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 340 (d) ma tkoprix eventwalita' bhal din fejn konjugi proprjetarju jimpedixxi l-access tal-konjugi l-iehor fid-dar taz-zwieg izda fattispecji ohra li normalment ikunu jikkonsistu filli wiehed jidhol fil-proprjeta' ta' haddiehor bla permess u b'hekk jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun'.**[8]

Huwa propju dan li ghamel l-imputat. Kontra il-volonta' tal-kwerelanta hu qabad u dahal fl-appartament mikri lilha minnu u allura invada l-privatezza taghha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li anke din il-kontravenzjoni tissussisti.**

[7] Pagna 5.
[8] Pagna 5- 6. Sottolinejar ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Ai fini ta' piena il-Qorti qieset li l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi l-fedina penali tal-imputat, l-eta' avvanzata tal-imputat, il-fatt li l-vjolenza saret fl-appartament okkupat legittimamant mill-kwerelanta kif ukoll li l-attakk sar fil-prezenza ta' minuri. Il-Qorti tqis li dak li ghamel l-imputat hu ta' certa serjeta'.

Qieset ukoll li ma kienx hemm incidenti wara Ottubru 2022 bejn l-imputat u l-kwerelanta.

**Il-Qorti ghalhekk tqis li meta wiehed jikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz l-imputata jimmerita' sentenza ta' habs li ghandha tigi sospiza.**

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1) u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **JOSEPH CAMILLERI HATI** taz-zewg akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u **qed tikkundannah ghal tlett (3) xhur habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal tmintax (18)- il xahar mil-lum.**

Barra minn hekk ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi obbligat illi bl-ebda mod u manjiera ma jersaq lejn, javvicina jew b' xi mod iehor jikkomunika ma' jew jimmolesta lil Christina Camilleri u dan ghall-perjodu ta' sena mil-lum taht penali ta' elfejn Ewro (Ewro 2,000).

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car il-konsegwenzi ta' din is-sentenza, l-obbligi tieghu taht l-istess u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur